



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0070/2009**

17.11.2009

## **\*\*\*III**

# **RAPPORT**

dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (PE-CONS 3677/2009 – C7-0273/2009 – 2007/0247(COD))

Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

President tad-delegazzjoni: Alejo Vidal-Quadras  
Rapporteur: Catherine Trautmann

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5  
PROĊEDURA .....10



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (PE-CONS 3677/2009 – C7-0273/2009 – 2007/0247(COD))

(Proċedura ta' kodeċizzjoni: it-tielet qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 3677/2009 – C7 0273/2009),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>1</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0697),
  - wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2008)0724),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari<sup>2</sup> dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill,<sup>3</sup>
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni komuni (COM(2009)0420),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(5) tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A7 0070/2009),
1. Japprova t-test konġunt;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att u tal-istqarrija relattiva tal-Kummissjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

<sup>1</sup> Testi adottati, 24.9.2008, P6\_TA(2008)0449.

<sup>2</sup> Testi adottati, 6.5.2009, P6\_TA(2009)0361.

<sup>3</sup> ĠU C 103 E, 5.5.2009, p. 1.

4. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni leġislattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fit-13.11.2007. Din kienet ippreżentata flimkien mal-proposta għal direttiva li temenda d-direttiva servizz universali u d-direttiva dwar il-privatezza elettronika (ir-rapport HARBOUR, 2007/0248(COD)) u l-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-awtorità tas-suq Ewropew tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (iktar tard magħrufa bħala l-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi - BEREC; ir-Rapport DEL CASTILLO, 2007/0249(COD))

### II. Il-proċedura leġislattiva qabel il-konċiljazzjoni

L-ewwel qari tal-Parlament seħħ fl-24 ta' Settembru 2008 u l-Kunsill laħaq qbil politiku f'Novembru 2008. Minn Jannar 2009, in-negozjati bil-għan li jintlaħaq ftehim fit-tieni qari twettqu taħt il-Presidenza Ċeka.

Wara negozjati intensivi, intlaħqu ftehimiet mal-Kunsill fit-tieni qari dwar it-tliet rapporti tal-pakkett tat-telekomunikazzjonijiet.

Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Plenarja vvutat dwar it-tliet rapporti tal-Pakkett tat-Telekomunikazzjonijiet. Il-plenarja kkonfermat il-ftehim milħuq fil-każ tar-rapporti HARBOUR u DEL CASTILLO. Madankollu, fil-każ tar-rapport TRAUTMANN, ġiet adottata emenda li ma kinetx parti mill-ftehim ġenerali milħuq mal-Kunsill fit-tieni qari.

Din l-emenda (hekk imsejħa l-emenda 138) kienet tirrikjedi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea inter alia b' "*l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-ebda restrizzjoni ma tista' tiġi imposta fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-utenti aħħarija, mingħajr deċiżjoni minn qabel mingħand l-awtoritajiet ġudizzjarji partikolarment skont l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, ħlief meta s-sikurezza pubblika tkun mhedda fil-każ li deċiżjoni tkun ittieħdet sussegwentement.*"

### III. Konċiljazzjoni

Minħabba li l-plenarja ta' Mejju kienet l-aħħar plenarja qabel l-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju, il-proċedura ma setgħetx titkompla qabel Settembru. Il-laqgħa kostitwenti tad-delegazzjoni tal-PE għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni saret fit-28 ta' Settembru. Waqt din il-laqgħa, id-delegazzjoni ddeċidiet li tiffoka n-negozjati fuq il-kwistjonijiet dwar l-emenda 138. Il-delegazzjoni ħatret tim ta' negozjaturi magħmul mis-Sur Vidal-Quadras, Viċi President u President tad-delegazzjoni, is-Sa Trautmann, rapporteur, u s-Sur Reul, Prsident tal-Kumitat ITRE.

Fl-ewwel trilogu li seħħ fid-29 ta' Settembru, il-Presidenza spjegat għalfejn il-Kunsill ma

kienx f'pożizzjoni li jaċċetta l-emenda 138. Prinċipalment, il-pożizzjoni tal-Kunsill kienet turrigwarda l-bażi legali. Fost affarijiet oħrajn, il-Kunsill argumenta li l-bażi legali tal-istrument propost ma tippermettix li l-Istati Membri jiġu sferzati fi struttura ġudizzjarja partikulari, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet kriminali. Id-“deċiżjoni minn qabel mingħand l-awtoritajiet ġudizzjarji” toħloq problemi għall-Istati Membri li m'għandhomx tali rekwiżit qabel ma jieħdu azzjoni kontra individwu. Pereżempju, f'ħafna Stati Membri, meta każ ikun jinvolvi t-tixrid ta' materjal pornografiku tat-tfal permezz tal-Internet, id-deċiżjoni taqa' f'idejn il-prosekutur, u naturalment tkun soġġetta għal reviżjoni ġuridika u salvagwardji f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijie ttal-Bniedem.

L-argumenti mressqa mill-Kunsill ġew diskussi fit-tieni laqgħa tad-delegazzjoni tal-PE fis-7 ta' Ottubru. Is-Servizz Legali tal-Parlament kien mistieden ukoll biex jipprepara opinjoni legali li sabet raġunijiet serji sabiex jitqies li l-emenda 138 tmur lil hinn mill-kompetenza tal-Komunità skont l-Artikolu 95 tat-trattat KE.

Wara żewġ trilogi oħrajn fit-13 u t-22 ta' Ottubru kif ukoll laqgħa tad-delegazzjoni fl-20 ta' Ottubru, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni kien imsejjaħ għall-4 ta' Novembru.

Il-lejla tan-negozjati ta' Konċiljazzjoni tal-4 ta' Novembru bdiet b'laqgħa mad-delegazzjoni tal-PE. Id-delegazzjoni ddiskutiet l-aħħar proposta ta' kompromess tal-Kunsill li ħarġet mill-Coreper tat-28 ta' Ottubru. L-iktar talba importanti tad-delegazzjoni kienet iż-żieda tal-kliem “*minn qabel*” mat-test “*proċedura ġusta u imparzjali*” li jeħtieġ li tiġi segwita qabel ma jittieħdu miżuri rigward l-aċċess tal-utenti li x'aktarx jillimitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom.

It-trilogu sar wara l-laqgħa tad-delegazzjoni. Il-Kunsill kien rappreżentat minn Åsa Torstensson, il-Ministru Svediż għall-Komunikazzjoni, filwaqt li l-Kummissarju Reding irrappreżentat lill-Kummissjoni Ewropea. Matul dan it-trilogu, li dam għaddej għal iktar minn sagħtejn u li għal ħafna ħin kien ikkaratterizzat b'interruzzjonijiet minn laqgħa iktar ristretta li kienet qed tipprova tistabilixxi t-test ta' kompromess, instabet soluzzjoni ta' kompromess.

Id-delegazzjoni tal-PE ltaqgħet sussegwentement. Il-kompromess kien aċċettat b'mod unanimu wara diskussjoni intensa u wara interruzzjoni tal-laqgħa sabiex setgħet issir il-konsultazzjoni tal-gruppi politiċi.

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni sħiħ iltaqa' fin-00.30 ta' filgħodu sabiex jissiġilla l-ftehim. Waqt il-laqgħa, il-Kummissarju Reding ħabbret ukoll li l-Kummissjoni se tagħmel dikjarazzjoni dwar “*in-newtralità tal-Internet*”.

#### **IV. Punti ewlenin tal-ftehim milħuq**

Intlaħaq ftehim sabiex it-test tal-kompromess jiġi inkluż fl-Artikolu 1 tad-Direttiva Qafas. Għaldaqstant dan isir obbligatorju għall-qafas regolatorju kollu kemm hu. It-test li dwaru ntlaħaq ftehim jipprevedi li r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess ta' utent għall-Internet “*jistgħu jiġu imposti biss jekk ikunu adegwati, proporzjonati u meħtieġa fi ħdan soċjetà demokratika*”. Dawn il-miżuri jistgħu jittieħdu biss “*b'rispett kif dovut għall-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenza u għad-dritt tal-privatezza*” u b'riżultat ta' “*proċedura minn qabel, ġusta u*



*imparzjali” li tiggarrantixxi “d-dritt tas-smiġh (...) u d-dritt ta' ri-eżami ġudizzjarju li jkun effikaċi u tempestiv.”*

Il-Parlament kiseb l-objettiv tiegħu li jinkludi dawn id-dispożizzjonijiet f'din il-leġiżlazzjoni (li ma kinux proposti mill-Kummissjoni u li l-anqas ma kienu inklużi fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill) permezz tal-ftehim milħuq mal-Kunsill dwar it-test ta' compromess u billi ġew stipulati kemm jista' jkun garanziji għall-utenti tal-Internet skont il-bażi legali.

## **V. Konklużjoni**

Peress li l-ftehim milħuq imur ferm lil hinn minn dak li kien possibbli fl-istadji iktar bikrija tal-proċedura, id-delegazzjoni tirrakkomanda li l-Parlament japprova t-test konġunt fit-tielet qari.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi
<b>Referenzi</b>	PE-CONS 3677/2009 – C7-0273/2009 – 2007/0247(COD)
<b>President tad-delegazzjoni: Viċi-President</b>	Alejo Vidal-Quadras
<b>Kumitat responsabbli President</b>	ITRE Herbert Reul
<b>Rapporteur(s)</b>	Catherine Trautmann
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2007)0697 – C6-0427/2009
<b>Data tal-1 qari tal-PE - Numru P</b>	24.9.2008 P6_TA(2008)0449
<b>Proposta modifikata tal-Kummissjoni</b>	COM(2008)0724
<b>Pożizzjoni komuni tal-Kunsill Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	16496/1/2008 – C6-0066/2009 19.2.2009
<b>Pożizzjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 251(2), it-tieni subparagrafu, it-tielet inċiż)</b>	COM(2009)0078
<b>Data tat-2 qari tal-PE - Numru P</b>	6.5.2009 P6-TA(2009)0361
<b>Opinjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt (c))</b>	COM(2009)0420
<b>Data meta l-Kunsill irċieva t-tieni qari</b>	26.6.2009
<b>Data tal-ittra tal-Kunsill dwar ir-rifjut tal-emendi tal-PE</b>	9.10.2009
<b>Laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni</b>	4.11.2009
<b>Data tal-votazzjoni tad-delegazzjoni tal-PE</b>	4.11.2009
<b>Riżultat tal-votazzjoni</b>	+: 23 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti</b>	Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Alejo Vidal-Quadras, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Pilar del Castillo Vera, Gunnar Hökmark, Arturs Krišjānis Kariņš, Herbert Reul, Stavros Lambrinidis, Teresa Riera Madurell, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Marita Ulvskog, Lena Ek, Silvana Koch-Mehrin, Christian Engström, Philippe Lamberts, Malcolm Harbour, Jaroslav Paška
<b>Sostitut(i) preżenti</b>	Lambert van Nistelrooij, Paul Rübig, Sabine Verheyen, Corinne Lepage
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	
<b>Data tal-qbil fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni</b>	4.11.2009

<b>Qbil permezz ta' skambju ta' ittri</b>	
<b>Data ta' meta l-ko-Presidenti stabbilixxew illi t-test konġunt ġie approvat u ntbagħat lill-PE u lill-Kunsill</b>	13.11.2009
<b>Data tat-tressiq</b>	16.11.2009
<b>Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>	...

### **ESTENSJONI TAI-PERJODI TA' SKADENZA**

<b>Skadenza għat-tieni qari tal-Kunsill</b>	9.10.2009
<b>Skadenza għas-sejħa tal-kumitat</b> Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data	0.0.0000 Kunsill – 0.0.0000
<b>Skadenza għax-xogħol fil-kumitat</b> Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data	0.0.0000 PE – 0.0.000
<b>Skadenza għall-adozzjoni tal-att</b> Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data	0.0.0000 Kunsill – 0.0.0000